Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2707

22.10.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2707

tal-21 ta' Ottubru 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2105 li jistabbilixxi regoli dwar il-kontrolli tal-konformità tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa u metodi ta' analiżi tal-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 90a(6), il-punti (b) u (c), u l-Artikolu 91, il-punti (b), (d) u (g), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2105 ([2]) jistabbilixxi regoli dwar il-kontrolli tal-konformità dwar iż-żejt taż-żebbuġa biex tiġi vverifikata l-implimentazzjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2104 ([3]).

(2) Il-medjan tad-difetti organolettiċi stabbiliti fit-Tabella A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 huwa wieħed mill-parametri li jisseparaw il-kategorija taż-żejt taż-żebbuġa *extra* verġni mill-kategorija taż-żejt taż-żebbuġa verġni. Matul il-proċess tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa jistgħu jsiru xi difetti organolettiċi, iżda dawn jistgħu jkunu wkoll ir-riżultat ta' kundizzjonijiet mhux xierqa waqt it-trasport u l-ħżin. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi speċifikat kif għandhom jiġu nnotifikati d-difetti organolettiċi bejn Stati Membri differenti li jinstabu fiż-żejt ittikkettat bħala żejt taż-żebbuġa *extra* verġni.

(3) Il-metodi tal-analiżi li għandhom jintużaw meta jiġu vverifikati l-karatteristiki taż-żjut jiġu aġġornati regolarment abbażi tal-opinjoni tal-esperti kimiċi u skont il-ħidma mwettqa fil-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (l-IOC).

(4) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta fil-livell tal-Unjoni tal-aktar metodi reċenti tal-naliżi stabbiliti mill-IOC, jixraq li dawk il-metodi jiġu inklużi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2105.

(5) Jenħtieġ li fid-dawl ta' interpretazzjonijiet differenti mill-awtoritajiet li jwettqu l-kontrolli tal-konformità, il-metodoloġija tal-kampjunar tiġi ċċarata.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2105 jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2105 tad-29 ta' Lulju 2022 li jistabbilixxi regoli dwar il-kontrolli tal-konformità tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa u metodi ta' analiżi tal-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa (ĠU L 284, 4.11.2022, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/2105/oj).
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2104 tat-29 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 (ĠU L 284, 4.11.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2104/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2105 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Meta kampjun taż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni jonqos milli jikkonforma mal-limitu stabbilit għall-medjan tad-difetti organolettiċi fit-Tabella A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw dan bħala nuqqas ta' konformità f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715, sakemm l-awtoritajiet nazzjonali ma jissuspettawx xi azzjoni intenzjonata minn negozji jew individwi bl-għan li jqarrqu bix-xerrejja u jiksbu vantaġġ mhux dovut minnha.";

(2) L-Annessi I u II huma emendati skont l-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2022/2105 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, it-test fit-tielet kolonna ("Metodu tal-IOC li għandu jintuża") tal-linja numru 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"COI/T.20/Doc. Nru 28 (*Determinazzjoni tal-kontenut ta' xama' u esteri etiliċi tal-aċidi xaħmin permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari*)";

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 1.1, it-tabella 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 1

Id-daqs minimu tal-kampjun ewlieni jrid ikun fih dan li ġej:

Meta l-pakkett ikollu kapaċità ta'		Il-kampjun ewlieni jrid ikun fih żejt taż-żebbuġa minn	
(a)	750 ml jew aktar	(a)	mill-inqas pakkett wieħed;
(b)	inqas minn 750 ml	(b)	l-għadd minimu ta' pakketti b'kapaċità totali ta' mill-anqas 750 ml

Il-kontenut tal-kampjun ewlieni għandu jiġi omoġenizzat qabel ma jitwettqu l-valutazzjonijiet u l-analiżijiet differenti.";

(b) il-punt 1.2, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kampjun Ewlieni" għall-pakketti li jaqbżu l-ħames litri għandu jkun kostitwit mill-għadd totali ta' inkrementi estratti mill-għadd minimu ta' pakketti stabbilit fit-Tabella 2. Il-pakketti għandhom jintgħażlu mil-lott b'mod aleatorju. Ladarba jiġi kostitwit, il-kampjun ewlieni għandu jkollu volum suffiċjenti li jippermetti d-diviżjoni f'diversi unitajiet.";

(c) il-punt 2.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.1. Kull Stat Membru jista' jżid l-għadd ta' kampjuni ewlenin skont il-ħtiġijiet tiegħu.";

(d) fil-punt 2.2, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Waqt il-verifiki għall-omoġeneità ta' lott, l-awtorità kompetenti tista' żżid l-għadd ta' kampjuni ewlenin skont it-tabella li ġejja:".